MINUTI

# Laqgħa tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ (Għawdex)

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 56/2022

Il-Ġimgħa, 29 ta' Lulju 2022

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq il-Knisja, fil-10.20 ta' filgħodu.

PREŻENTI:

Dott. Marlene Cini – Sindku
Is-Sinjura Sandra Grech – Viċi Sindku
Is-Sur Nicky Saliba – Kunsillier
Is-Sur Daniel Cordina - Kunsillier
Is-Sur Baskal Saliba - Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

ASSENTI:

UFFIĊJAL PREŻENTI B'MOD VIRTWALI:
Is-Sna Odette Camilleri - Segretarju Eżekuttiv

Minuti

Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku Dott. Marlene Cini. Din il-laqgħa inbdiet tard peress li qabel il-membri tal-Kunsill kellhom laqgħa mas-CPT u s-Supretendent tal-Pulizija.

56.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

56.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji peress li l-membri kollha kienu preżenti.

56.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

56.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħat bin-nru. 54/2022 u 55/2022 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

56.2.2 Is-Sindku talbet għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm mill-minuti.

56.2.3 Ma' kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

Is-Sindku talbet għall-approvazzjoni tal-minuti nru 54/2022 u 55/2022 u staqsiet għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu. Kulħadd kien favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

*Il-Kunsillier Daniel Cordina propona u l-membri qablu li l-item nru 56.8 Tweġibiet/Mistoqsijiet tal-Kunsilliera titmexxa 'l fuq fuq l-Agenda tal-Kunsill wara Komunikazzjoni mis-Sindku.*

56.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

56.3.1 Is-Sindku, Dott Marlene Cini preżentat mozzjoni b'urġenza sabiex tinbidel l-ordni tal-lagħa minħabba urġenza sabiex tiġi diskussa il-*bye law* dwar Xorb f'Kontenituri tal-Ħġieg f'Marsalforn. Il-membri qablu illi l-multa tiġi emendata għal €70 minflok €75.

56.3.2 Rigward Miżura 4.3, is-Sindku nfurmat lill-membri li wara li l-Kunsill issottometta applikazzjoni taħt ir-*Rural Development*

*Programme 2014-2020 Measure 4.3 – European Agricultural Fund for Rural Development* sabiex isiru tlett (3) toroq fil-lokalita' u li huma Triq is-Sagħtrija, Triq ta' Tutiet u Triq tal-Ħluq. Is-Sindku kompliet tgħid illi dan il-proġett ġie aċċettat u ser jingħata madwar €695,292.22 li minnu 90% ser jittieħed mill-fond Ewropew u 10% mill-fondi tal-Kunsill. Is-Sindku ferħel lis-Sur William Sultana u Marnol Sultana tax-xogħol kbir li għamlu fuq din l-applikazzjoni. Infurmat lil membri li l-perit qed iħejju l-BOQ sabiex jinħarġu tlett offerti. Il-Kunsillier Daniel Cordina rringrazzja wkoll lil Marnol Sultana.

56.3.3 Is-Sindku nfurmat lil membri li fl-aħħar xahar il-Kunsill ġie nfurmat li l-kap tal-iskola Primarja ġiet rilokata fi skola oħra. Irringrazzjat lil kap ta' l-iskola preċedenti għax-xogħol li għamlet f'dawn l-aħħar snin li serviet bħala kap ta' l-iskola u rringrazzjata tal-koperazzjoni sħiħa mal-Kunsill. Is-Sindku ferħet lil Kap il-ġdid ta' l-iskola u awguratlu l-ħidma t-tajba. Infurmat lil membri li saret laqgħa mal-kap il-ġdid fejn ġew mitkelma diversi materji speċjalment ir-rinovar ta' l-iskola. Kompliet tgħid illi ser issir laqgħa mal-Prinċipal u mal-Kap tal-Foundation for Tomorrow Schools sabiex jiġi spjegat aħjar x'se tkun tinvolvi din ir-rinovazzjoni li mistennija tibda' f'Ġunju 2023. Il-Kunsillier, Baskal Saliba staqsa x'ser jiġri fuq il-grawnd tal-futbol. Is-Sindku infurmatu li jiġi verifikat waqt il-laqgħa li mistenniha li ssir ma' l-iskola.

56.3.4 Is-Sindku nfurmat lil membri li r-Reġjun Għawdex irid joħloq Kumitat Reġjonali għall-Kultura f'Għawdex u għalhekk għandu bżonn jaħtar rappreżentant mill-lokalita' fejn dan il-Kumitat jiltaqa' darba fix-xahar. Il-membri qablu li r-rappreżentant għandha tkun is-Sindku Dott Marlene Cini. Is-Sindku rringrazzjathom tal-fiduċja.

56.3.5 Rigward il-Ġemellaġġ ma' Lanuvio. Is-Sindku infurmat lil membri li l-Kunsill irċieva ittra ta' stedina għal żjara ġewwa Lanuvio bejn is-7 u l-11 ta' Settembru li ġej. Talbu lil Kunsill sabiex il-Kunsill isib 25 parteċipant bejn l-14 u 18-il sena u 10 persuni minn naħħa tal-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali. Kompliet tgħid illi l-25 parteċipant se jkunu qed joqgħodu mar-residenti ta' l-Lanuvio waqt li l-membri ta' l-amministrazzjoni ser ikunu alloġjati ġewwa lukanda. It-titjiriet ser ikunu mħallsa minn naħa tal-Kunsill. Is-

Sindku proponiet u l-membri qablu li għandu jiġi propost li ż-żmien ikun fil-vaganzi tal-Milied peress li ma baqax żmien biżżejjed biex jinħarġu l-avviżi u jsiru l-preparamenti meħtieġa. Il-Kunsillier Nicky Saliba staqsa min ser ikun qed iħallas għal dawn it-titjiriet u s-Sindku nfurmatu li l-Kunsill ser ikun qed japplika għal co-funding mad-Dipartiment għal Gvern Lokali. Is-Sur Nicky Saliba kompla jgħid li ma jaqbilx li dawn it-tfal ikunu alloġġjati ma familji. Il-Kunsillier Daniel Cordina propona li l-eta' tkun minn 16 sa 25 sena u propona li dan il-ġemellaġġ isir wara l-Milied sabiex it-titjiriet ma jkunux għoljin. Il-membri qablu. Is-Sindku infurmat lil membri li wara l-festa jinħarġu l-avviżi ħalli jkunu jistgħu japplikaw.

56.3.6 Is-Sindku infurmat lil membri li ġejna nfurmati li x-xogħol ta' installazzjoni ta' *high tension cables* fi Triq tal-Konti, Triq Għajn Mhelhel, Triq San Mikiel, Triq Skappuċċina u Triq is-Sagħtrija u li kellhom isiru s-sena l-oħra issa ser isir minnufih. Is-Sindku infurmathom illi saret laqgħa b'urġenza mal-Enemalta, mal-Kuntrattur u ma' Transport Malta sabiex jiġi diskuss kif ser issir bl-inqas inpatt u nkonvinjent għar-residenti. Is-Sindku nfurmathom illi x-xogħol għandu jibda' fit-22 ta' Awwissu 2022, l-għada tal-festa.

56.3.7 Rigward il-vettura elettrika tal-Kunsill Lokali, is-Sindku nfurmat lill-membri li din il-vettura waslet Malta. Kompliet tgħid illi hemm bzonn jiġi nstallat *fast charging plug*. Qalet ukoll li nġabru xi kwotazzjonijiet mill-Gozo Solar Energy għal din il-*wallpod.* Il-prezz hu ta' €1,133.38. Il-membri qablu li din tiġi nstallata.

56.3.8 Is-Sindku informat lil membri li l-applikazzjoni tal-GAG – Gozo Attractions and Innovative Events for all Seasons ġiet sottomessa l-bieraħ. Kompliet tgħid li kien hemm tibdil fl-applikazzjoni fejn kellu jitħalla barra r-restawr tax-xelters tal-gwerra minħabba l-fatt li wara korrispondenza mill-Awtorita' ta' l-Artijiet, il-Kunsill ġie nfurmat li dawn għadhom mhumiex proprjeta' tal-Gvern iżda qedgħin fil-proċess li dawn isiru. Infurmat lil membri illi fl-applikazzjoni żdied li jiġi mdawwal is-salib tal-pjazza u dan fuq proposta li kien għamel fil-passat il-Kunsillier Baskal Saliba. Is-Sindku qalet li issa l-Kunsill qed jistenna l-eżitu ta' din l-applikazzjoni li ħadmu bi sħiħ fuqha s-Sur W. Sultana u s-Sur M. Sultana. Is-Sindku rringrazzjathom tax-xogħol siewi tagħhom.

56.3.9 Is-Sindku nfurmat lil dawk preżenti illi fl-aħħar ġimgħat ġew installati c-CCTV cameras ġewwa Marsalforn, fil-bring in sites tal-Qbajjar Promenade, fejn l-iskips tal-Qbajjar u fejn l-iskip ta' Triq il-Qolla s-Safra u li qed jiġu sorveljati mill-LESA. Kompliet tgħid li tnaqqsu ħafna mill-abbużi. Il-Kunsillier Daniel Cordina qal li ħafna nies weħlu l-multi. Is-Sindku qalet li bis-saħħa ta' dawn il-lokalita' tidher aktar nadifa.

56.3.10 Is-Sindku infurmat lil membri li ġiet avviċinata minn għalliema sabiex isir kors tal-insiġ ġewwa ż-Żebbuġ minħabba l-fatt li hija tradizzjoni tar-raħal tagħna u din is-sengħa qed tispiċċa. Ippropniet li jsir kors ta' 10 lezzjonijiet u jekk jingħaqad grupp ta' parteċipanti għal dan il-kors titella fashion show bil-prodotti ta' dawn l-istudenti jekk il-Kunsill jikseb fondi għal din. Il-membri qablu u qablu wkoll li jinħarġu l-avviżi.

## 56.8 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

Il-Viċi Sindku, Sandra Grech ressqet dawn il-punti:

56.8.1.1 Staqsiet meta hu mistenni li jitwaħħlu l-bankijiet fil-front ta' Marsalforn. Is-Sindku nfurmata li ġiet infurmata mill-Ministeru għal Għawdex li dawn ser jitwaħħlu.

56.8.1.2 Ġibdet l-attenzjoni illi Marsalforn hemm bżonn li jinkines iktar. Il-Kunsillier Daniel Cordina talab sabiex jinħaslu l-bankini bil-bowser speċjalment ta' Triq il-Qbajjar, Ta' Barda u l-Qolla s-Safra. Il-Kunsillier Nicky Saliba staqsa jekk jinħaslu fejn ser imur l-ilma. Għaldaqstant il-membri qablu li jinħaslu bil-lejl sabiex jitnaqqas l-inkonvinjent.

56.8.1.3 Proponiet u l-membri qablu li għandha ssir talba lil Transport Malta sabiex ssir zebra crossing ġdida fl-ewwl parti ta' Triq Santa Marija bi dritt it-taraġ li jieħdok fejn l-FSWS. Il-membri qablu.

56.8.14 Irringrazzjat lis-Sindku u lill-Għaqdiet għal ħidma tagħhom biex sar ix-Xwejni Music Fest.

56.8.1.5 Proponiet u l-membri qablu li ssir tabella fil-Qbajjar Promenade fil-parti fejn il-kiosk fejn ikunu jagħmlu l-yoga sabiex ma jitħallewx klieb fuq dik il-parti.

56.8.1.6 Talbet sabiex issir talba mal-Gozo LC Works sabiex tissewwa l-bankina fi Triq ix-Xtut. Il-membri qablu.

56.8.1.7 Rigward it-tarag tal-muzajk li kien ġie previst li jitwaħħal fit-taraġ ta' fejn l-għassa minflok jitwaħħal fit-taraġ ta' fejn l-Otters. Il-membri qablu li l-ewwel għandu jiġi verifikat jekk it-taraġ hux pubbliku u wara jinġiebu l-kwotazzjonijiet u l-permessi meħtieġa sabiex dan jiġi mwaħħal. Il-Kunsillier Daniel Cordina talab sabiex l-membri jaraw id-disinn.

56.8.2 Il-Kunsillier, is-Sur Nicky Saliba ressaq dawn il-punti:

56.8.2.1 Talab sabiex isiru ħadid li magħhom jintrabtu r-roti fi Triq il-Xwejni kantuniera ma' Triq il-Batterija. Il-membri qablu.

56.8.2.3 Rigward Triq Manuel Magro peress li ġiet *one way* qal li din mhix prattikabbli u li ġie avviċinat minn diversi residenti f'dan ir-rigward. Il-Kunsillier Daniel Cordina qal li hu ta' l-opinjoni li terġa ssir kif kienet jiġifieri two way. Il-Viċi Sindku qalet li kellha ħafna tifħir pożittiv li din it-triq saret one way. Il-membri qablu li jinfurmaw lil Transport Malta f'dan ir-rigward.

56.8.3 Il-Kunsillier is-Sur Daniel Cordina ressaq dawn il-punti:

56.8.3.1 Talab *update* rigward il-Ħajt ta' Wied l-Abjad. Is-Sindku nfurmatu li ser jiġi vverifkat mal-korrispondenza li ntbgħatet mill-Perit.

56.8.3.2 Talab sabiex jinżebgħu id-double yellow lines ta' Triq l-Imgħallem fejn it-tarmac plant peress li għalkemm ġew approvati li jinżebgħu mill-Gozo LC Works baqgħu qatt ma saru. Il-Kunsill ser jibgħat reminder lil Ministeru għal Għawdex.

56.8.3.3 Talab sabiex il-Kunsill jivverifika hux privat il-parkeġġ ta' fejn il-Qolla l-Bajda. Is-Sindku infurmatu illi dan diġa ġie verifikat u

rriżulta li hu pubbliku. Il-Kunsillier Daniel Cordina qal li għandhom jitpoġġew il-karti fuq il-mejda.

56.8.3.4 Staqsa rigward il-kisi ta' l-isqaq fi Triq il-Ponta. Is-Sindku nfurmatu li bħal ma kienet diġa infurmathom iltaqgħet ma' l-RCCL fuq il-post u hi prevista' li ssir.

56.8.3.5 Staqsa rigward il-bini tal-ħajt ta' Triq ta' Cikku. Is-Sindku nfurmatu illi saret talba mal-Lands Authority sabiex jiġi verifikat hux pubbliku jew privat fejn irriżulta li hu privat. Il-Kunsillier Daniel Cordina oppona għal dan u qal li dan żgur mhux privat. Is-Sindku sostniet li l-Kunsill għamel ir-riċerki tiegħu. Il-Kunsillier Cordina qal li dan irid jinbena' bilfors u żied jgħid li l-Kunsill qed jimxi skond min hi l-persuna skond il-partit li tħaddan. Is-Sindku nfurmatu li diġa marret fuq il-post mar-resident u għalhekk tirribatti l-kliem li għadu kif qal. Fakkritu li hi c-Chairman tal-Kamra u li hi dejjem imxiet b'etika. Fakkar li l-Kunsill diġa niżel bil-konkos hemm u għalhekk staqsa lil Kunsillier Nicky Saliba hux tal-Kunsill. Il-Kunsillier Nicky Saliba rrisponda illi kulħadd jaf sa fejn wasal il-konkos. Il-Kunsillier Daniel Cordina qal li hemm mhux irreġistrat mal-Lands u għalhekk il-ħajt għandu jinbena. Il-membri qablu li din il-materja tiġi diskussa mal-Perit tal-Kunsill.

56.8.3.6 Staqsa rigward il-Crash Barriers ta' Triq il-Knisja. Is-Sindku nfurmatu illi qed jiġi verifikat mill-Perita ta' Transport Malta minħabba s-safety.

56.8.3.7 Rigward is-sellum tal-Bajja tax-Xwejni talab lill-Kuntrattur tingħatalu ultimatum sa' l-aħħar tal-ġimgħa sabiex jeħel. Il-membri qablu. Il-Kunsillier Cordina talab sabiex imbgħad is-sellum li jinqala' jeħel il-Menqa.

56.8.3.8 Staqsa rigward il-gandott ta' Triq l-Għerrejex. Għandu jerġa' jiġi vverifikat mal-Perit.

56.8.4 Il-Kunsillier s-Sur Baskal Saliba ressaq dawn il-punti:

56.8.4.1 Talab sabiex jitranġa l-ground tal-football il-qadim u nitolbu xi tip ta' għajnuna. Is-Sindku qalet li l-ewwel għandu jiġi vverifikat mal-Ministeru għal Għawdex rigward il-proġett tax-Shooting Range.

56.8.4.2 Sabiex issir reminder lil Transport Malta sabiex jeħlu t-tabelli tal-Menqa 'Dead Slow'.

*Il-Kunsillier Nicky Saliba skuża ruħu u ħareġ mill-kamra fil-11.20 ta' filgħodu.*

56.8.4.3 Talab ukoll sabiex jiġu mfakkra Transport Malta sabiex isiru is-swimming zones fil-Bajja ta' Taħt ix-Xifer. Is-Sindku nfurmatu illi meta l-Kunsill applika għal dawn iż-żoni ta' l-għum fil-bidu tas-Sajf il-Kunsill ġie nfurmat li applika tard għalhekk it-talba ser issir qabel is-Sajf li ġej.

56.8.4.4 Staqsa rigward il-kalati fi Triq il-Knisja. Is-Sindku nfurmatu li dawn il-kalati ser jiġu rranġati qabel il-festa tar-raħal.

56.8.4.5 Talab sabiex isir rock bolting tas-sies ta' fejn il-klabb tal-futbol. Is-Sindku infurmatu li diġa tkellmet mal-Ministeru għal Għawdex u għandu jsir ir-rock bolting meħtieġ.

*Il-Kunsillier Daniel Cordina skuża ruħu u ħareġ mill-kamra fil-11.25 ta' filgħodu.*

## 56.4 Xwejni Music Fest

56.4.1 Rigward ix-Xwejni Music Fest is-Sindku qalet li dan kien suċċess. Irringrazzjat lil kull min ta' sehmu, speċjalment lil ħaddiema tal-Kunsill, il-kuntratturi u l-volontiera tas-sitt Għaqdiet tar-raħal li taw daqqa t'id waqt dan il-festival. Raddet ħajr ukoll lil Ministeru għal Għawdex u li kieku ma kienux il-fondi mgħotija mill-Cultural Fund dan il-festival ma kienx isir. Qalet li t-total ta' spejjes bħal ikel, xorb u silġ kien ta' €8,292.41 waqt li d-dħul kien ta' €15,641.16 jiġifieri kien hemm profit ta' €7,348.75. Kompliet tgħid li l-Għaqdiet ħadu €1,224.79 u fejn dawn ċedew €25 kull għaqda fejn ġiet organizzat BBQ ta' ringrazzjament. Il-Viċi Sindku u l-Kunsillier Baskal Saliba qalu li kien suċċess u faħħru din l-inizjattiva.

56.5 Sejħa għal ingaġġ ta' Asst. Prinċipal mal-Kunsill

56.5.1 Is-Sindku nfurmat lil dawk preżenti li l-unika applikant li applika għal dan il-post vakanti u ġie magħżul, informa lil Kunsill illi ma aċċettax din il-kariga. Il-membri ġew infurmati illi issa nbeda' l-proċess sabiex tinħareġ is-sejħa esterna u l-Kunsill qed jistenna l-lista' tal-JobsPlus.

56.6 Zebbuġ Playing Field Mons Ġużeppi de Piro

56.6.1 Il-membri ġew infurmati illi l-Kuntrattur li għamel ix-xogħol fuq il-Playing Field taż-Żebbuġ qed jiġri wara l-Kunsill sabiex jitħallas. Is-Sindku fakkret lil membri li kif kien ġie maqbul fuq il-mejda tal-Kunsill, ġaladarba kien hemm *variation* ta' ammont ta' flus, il-Kunsill għandu jieħu permess mid-Dipartiment għal Gvern Lokali sabiex jitħallsu dawn ix-xogħlijiet. Infurmathom li l-Perit qed ilesti ċ-ċertifikazzjoni neċessarja sabiex l-Kunsill ikun jista' jitlob lil Planning Authority għal dawn il-fondi. Infurmat ukoll lil membri li nhar it-13 ta' Lulju 2022, il-Kunsill irċieva emejl mid-Dipartiment għal Gvern Lokali fejn il-Kunsill ġie mitlub għal laqgħa nhar il-Ħamis, 4 t'Awwissu 2022 mad-Direttur tal-Gvern Lokali, mal-Awditur Ġenerali u mal-Assoċċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali sabiex naraw x'se tkun it-triq 'il quddiem.

56.7 Festa Santa Marija - Żebbuġ

56.7.1 Is-Sindku nfurmat lil membri li nhar il-Ħamis, 30 ta' Ġunju 2022 kien hemm laqgħa tal-Kumitat tal-Festa rigward il-budget tal-festa ta' din is-sena. L-għaqdiet talbu lil Kunsill Lokali sabiex jorganizza dawn l-attivitajiet b'kollaborazzjoni magħhom. Il-membri qablu. Rigward is-Sibt tal-Festa u kif kien ġie maqbul fil-laqgħa preċedenti, l-Kunsill flimkien ma l-Għaqda tan-nar applika għal fondi fuq loġistika mal-Cultural Fund sabiex tkun tista' tittella' ix-xow tan-nar. Is-Sindku nfurmathom illi l-Kunsill ser jibbenifika €8,000 minn dan il-fond.

56.9 Korrispondenza, ilmenti/suġġerimenti

56.9.1 SPI/SCI/8/2022 – Espressjoni ta' Interess – Finanzjament Milied 2022. Is-Seg. Eżekuttiv infurmathom li l-Kunsill jista' jibbenifika sa' massimu ta' €47,000. Wara diskussjoni bejn il-membri kien hemm qbil unanimu li jiġu proposti dawn l-attivitajiet bl-isem ta' Natale Sul Colle.

Il-Hadd, 18 ta' Diċembru attivita' ta' ġurnata fejn jintramaw Christmas Stalls fi Pjazza l-Assunta fejn l-Għaqdiet tar-raħal ibiegħu ħelu u ikel tradizzjonali Malti, dekorazzjonijiet u pjanti. Jiġi servut il-mulled wine u l-kafe tradizzjonali malti. Issir photobooth bix-xiħ tal-Milied, jintrama bouncy castle, il-Guggen Music Band u id-daqqaqa tradizzjonali Maltin. Issir il-mixgħula fil-Knisja u kunċert mill-korijiet tar-raħal.

Il-Ġimgħa, 23 ta' Diċembru kunċert imtellgħa mis-Soċjeta' Filarmonika Santa Marija Zebbuġ fil-Każin tal-Banda stress.

It-Tnejn, 26 ta' Diċembru attivita' għat-tfal fejn isajru pasti u muffins sabiex jingħataw lil anzjani tal-lokalita', isiru attivitajiet ta' crafts fejn jaħdmu dekorazzjonijiet tal-Milied b'oġġetti riċikabli u l-kor tat-tfal jdur mat-toroq tal-lokalita' b'kant ta' Christmas Carols u jqassmu l-pasti li jkunu għamlu.

56.9.2 PA/04439/21- biex jiġi sanzjonat open air boat facility, jinbena reservoir, storage, mobile toilets, skip area u gate ġdida. Il-korrispondenza ġiet innotata.

56.9.3 Emejl minn Gozo in the House rigward beach party minn partners fl-Ingilterra fi Triq il-Batterija fil-Ħarifa tat-2023. Il-membri qablu li jinħareġ dan il-permess.

56.9.4 SPI/SCI/07/2022 – Espressjoni ta' Interess: World Cleanup The World Campaign 2022. Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil membri li jista' jieħu sa massimu ta' €3,000. Fuq proposta tas-Sindku l-membri qablu li jagħmlu Clean up event.

56.9.5 Talba minn Awtur lokali sabiex jinxtraw ġabra ta' poezija għal librerija bl-isem 'Meta Tlaqt lil Adam'. Il-membri qablu li jinxtraw żewġ kotba għal prezz ta' €12 il-wieħed.

56.9.6 Talba mill-Kap ta' l-iskola Primarja taż-Żebbuġ sabiex jitneħħa l-arblu inkluż il-wires kollha li hemm imwaħħla ma dan l-arblu li qiegħed biswit l-entratura ta' l-iskola. Ma kienx hemm qbil fost il-membri ma dan minħabba l-ħsara fis-sies pero qablu li jitranġaw il-wires aktar puliti. Il-membri qablu li għandha tiġi miġbuda l-attenzjoni ta' l-Enemalta.

56.9.7 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil membri li l-kaxxa riservata għal persuni b'disabilita' fi Triq Skappuċċina ġiet miżbugħa. Kompliet tgħid li l-Kunsill irċieva ittra minn Transport Malta rigward talba għal parkeġġ riservat fi Triq il-Qbajjar. Il-kontenut ta' din l-ittra ġie nnotat.

56.9.8 Ittra mingħand residenta fejn qed tilmenta rigward ir-rimi illegali u boroż fil-kantunieri fi Triq il-Qolla s-Safra fejn ir-roundabout. Qed titlob sabiex isiru CCTV cameras minħabba dan l-abbuż. Il-membri qablu li din il-parti tar-roundabout ser tiġi amalgamata mal-proġett li ser isir f'dawk l-inħawi.

56.9.9 Talba mingħand resident sabiex jinqalew l-arblu u l-bozza minn mal-ħajt tad-dar tiegħu fi Triq il-Ponta peress li ser tiġi żviluppata. Il-membri qablu li tittieħed deċiżjoni x'ħin issir verifikazzjoni fuq il-post sabiex ir-residenti ma jispiċċawx fid-dlam.

56.9.10 Talba mingħand sid ta' boathouse sabiex jinżebgħu double yellow lines faċċata fil-Bajja ta' Taħt ix-Xifer. Is-Sindku nfurmat lil membri li meta il-Ministeru għal Għawdex pruvaw jagħmlu riġenerazzjoni ta' din il-bajja nqala' ħafna nkwiet peress li kienu ser jitnaqqsu l-parkeġġi. Il-membri ma qablux ma dan sabiex ma jitnaqqas ebda parkeġġ.

56.9.11 Emejl mingħand is-Surmast ta' l-Iskola Primarja fejn irringrazzjat lil Kunsill tas-sapport li sabiet biex l-iskola tikseb id-Dyslexia Friendly School Award.

56.9.12 Ilment Nru 40-48/2022
Titlob sabiex isirilha railing mal-bankina ta' quddiem id-dar tagħha fi Triq Għajn Mhelhel.
Il-membri qablu.

56.9.13 Ilment Nru 41/2022

Jilmenta fuq l-istat diżastruż ta' Triq Mieġel il-Baħal u jitlob għall-intervenzjoni infrastrutturali f'din it-triq.

Il-membri qablu li bħalissa l-Kunsill ma għandux fondi għal dan ix-xogħol.

56.9.14 Ilment Nru 42/2022

Talba sabiex isiru linji sofor faċċata tal-garaxx tiegħu fi Triq ta' Barda.

Il-membri ma qablux li jsiru linji sofor quddiem garaxxijiet ta' ħaddieħor pero' isiru biss tnejn one meter double yellow line mal-ġnub ta' l-entratura.

56.9.15 Ilment Nru 43/2022

Sabiex jitwaħħlu żewġ bollards fuq double yellow line quddiem l-entratura tal-flat tiegħu fi Triq Santa Marija peress li xorta qed jipparkjaw il-karozzi.

Il-membri ma qablux ma dan sabiex ma jinħoloqx preċedent ma ħaddieħor.

Ilment Nru 44/2022

56.9.16 Talba sabiex id-disabled parking bay fi Triq Dun Karm Cachia titneħħa peress li min kien jużuha miet.

Ma kienx hemm qbil fost il-membri peress li din il-kaxxa tal-parkeġġ hi communal u mhux personalized.

Ilment Nru 45/2022

Tilmenta li fi Triq ta' Barda qed jaqleb l-ilma tat-triq għal quddiem

56.9.17 il-bieb tal-flats. Hemm toqba fit-triq li trid timtela' bit-tarmac.

Ilmentat ukoll li l-bankina tkissret bit-trakkijiet.

Il-membri qablu li jsir il-patching neċessarju.

56.9.18 Ilment Nru 46/2022

Jilmenta li waqa' l-ħajt ta' l-għalqa tiegħu fi Triq ix-Xagħra.

Il-membri qablu li ssir talba mal-Gozo LC Works.

56.9.19 Ilment Nru 47/2022

Biex isiru double yellow lines kull genb tal-garaxx fi Triq il-Qolla s-Safra.

Il-membri qablu.

56.9.20 Ilment Nru 49/2022
Titlob biex isiru ciment ħdejn il-Horizon Restaurant fejn tappiera.
Il-membri qablu li jsir patching.

56.9.21 Ilment Nru 50/2022
Jitlob għal bini ta' ħajt tas-sejjieħ f'Wied l-Infern fil-limiti bħal ta' Mawru.
Il-membri qablu li ssir talba mal-Gozo LC Works.

56.9.22 Ilment Nru 51/2022
Tilmenta illi l-bozza tad-dawl li hemm faccata tad-dawl tagħha fi Triq is-Sagħtrija hi qawwija wisq u qed tkun ta' inkonvinjent. Titlob lil Kunsill sabiex jibdel il-bozza għal waħda li ddawwal b'dawl normali.
Il-membri qablu.

**56.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Skeda ta' Pagamenti**

Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 36/2022 għall-perjodu ta' Lulju 2022 li tammonta għal €50,350.47 ġiet approvata.

**56.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet f'nofsinhar. Il-membri qablu li billi mhux il-membri kollha kienu preżenti, il-laqgħa li jmiss tiġi deċiża aktar il-quddiem.

Dott. Marlene Cini
Sindku

Odette Camilleri
Seg. Eżekuttiv